KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 453 (8-81)**

**It-Tnejn 8 t'April 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

**PREŻENTI:**

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia (segwiet il-laqgħa online)

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

**ASSENTI**

Il-Kunsillier Kurstein Sant
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

| | |
|---|---|
| **453.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **453.1.2** | Ma kienx hemm ittri t'apoloġija. |
| **453.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| **453.2.1** | Inqraw il-Minuti tas-Seduta 451. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsiller Julian Borg issekonda. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett. |
| **453.2.2** | Inqraw il-Minuti tas-Seduta 452 (b'urġenza). Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsiller Julian Borg issekonda. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett. |
| **453.2.3** | **Punti li joħorġu mill-Minuti**<br>Ma kienx hemm punti mill-Minuti. |
| **453.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| **453.3.1** | Is-Sindku semma l-attivita' tal-Mixgħela f'Ħamis ix-Xirja u qal li din l-attivita' annwali qegħda dejjem tikber u kienet suċċess. Hu qal li kien hemm koordinazjoni tajba mal-għaqdiet u l-konkorrenza tal-pubbliku kienet numeruża. Is-Sindku qal li l-inizjattiva tal-Għaqda tan-Nar li tellgħu wirja f'Ħal Xluq kienet inizjattiva pożittiva u qal li għal sena oħra tajjeb li din l-attivita' tiġi integrata u jkun hemm il-possibilta' li t-trasport imur hemm hekk ukoll għalkemm hija sfida iżda tista' tiġi diskussa. |
| **453.3.2** | Is-Sindku qal li kien mistieden mis-SP Omar Farrugia flimkien ma' Sindki oħra rigward framework dwar xogħolijiet mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi, bl-iskop li l-Kunsilli jiġu mgħejjuna f'xogħolijiet infrastrutturali. Hu qal li kull Sindku ingħata log in u password ta' sistema fejn iridu jiġu sottomessi għaxar proġetti, mhux maġġuri bħal bankini, manutenzjoni ta' ħitan, tranġar ta' tappieri u patching. Is-Sindku semma l-belisha crossings fi Triq Dun Manwel Zammit li huma prijorita' u anka t-tappieri fi Triq Ta' Brija li jkollna l-problemi fuqhom. Hu qal li dan ix-xogħol ser isir interament mid-Dipartiment, inkluż mano d'opera, il-materjal u anka ser jiġi assenjat perit u field officer max-xogħolijiet. Din l-inizjattiva ser tiġi mnedija fil-ġimgħat li ġejjin. |
| **453.3.3** | Is-Sindku qal li kellmuh diversi residenti dwar kwistjoni fi Triq il-Palazz tal-Verdala, fejn resident partikolari għalaq aċċess b'bollards. Din il-parti tat-triq saret ġdida minn Infrastructure Malta u għalhekk residenti qed jippretendu li hija pubblika u li jistgħu jużawha għal parking. Is-Sindku qal li kellem lic-CEO ta' Infrastructure Malta għal informazzjoni dwar jekk it-triq filfatt ġietx esproprijata jew le. Hu qal li qed jistenna kjarifika dwar dan. |
| **453.3.4** | Is-Sindku informa li kien hemm laqgħa mal-Ispettur Mallia fejn flimkien miegħu kienu preżenti l-Kunsillier Julian Borg u s-Segretarju Eżekuttiv fejn ġew diskussi diversi issues fosthom il-problema ta' parking fi Pjazza San Nikola. Hu qal li rigward din il-problema m'hemmx soluzzjoni straight forward u bħala Kunsill ma nistgħux naċċettaw li jkun hemm parkeġġ f'nofs it-triq anka minħabba li dan jikkawża periklu u konfużjoni. Saret referenza għal proposti fil-proġett 'Slow streets' biex isiru xi marki tal-karreġġata fil-pjazza u jkun hemm indikazzjoni ta' direzzjoni li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala soluzzjoni. |
| **453.3.5** | Is-Sindku qal li fis-19 t'April 2024 ser isir laqgħa għand l-Arċipriet mal-għaqdiet u dawk involuti fil-festa San Nikola biex jibdew il-preparamenti. |

**453.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**453.5** **Aġġornament dwar il-proġett taz-zuntier**

453.5.1 Is-Sindku qal li x-xogħol fuq iz-zuntier għamel ġimgħat wieqaf minħabba xi spezzjonijiet mill-SCH. Issa jidher li ser jitkompla. Qed isir koordinament bejn il-Knisja u d-Dipartiment tax-Xogħolijiet biex ikun hemm l-inqas inkonvenjent anka għat-traffiku u għal funzjonijiet tal-Knisja. Is-Sindku qal li qed ikollu ħafna mistoqsijiet jekk hux ser ikun lest sal-Festa iżda ma jistax jikkommetti ruħu. Minn informazzjoni, jidher li għal festa ser tkun lesta l-parti ta' quddiem.

**453.6** **Aġġornament dwar il-proġett ta' spazju miftuħ f'Ta Ramija**

453.6.1 Is-Sindku informa li l-proġett ta' Ramija wasal fil-fażijiet finali u jkun konluż ftit ġimgħat oħra.

**453.7** **Aġġornament dwar il-proġett tal-bini tal-Park tal-Familja fi Triq Salvu Borg Olivier**

453.7.1 Is-Sindku qal li x-xogħol miexi kif pjanat u kull ġimgħa ssir il-laqgħa ta' koordinament għall-aġġornamenti fuq l-andament tax-xogħol.

**453.8** **Xogħolijiet minn Infrastructure Malta fis-Siġġiewi fil-preżent**

453.8.1 Is-Sindku qal li x-xogħol fuq Triq l-Imqabba u Triq Annabelle Vassallo ser jissokta wara li ġie esproprijat parti minn ġnien, u meta wkoll jitlesta xi xogħol ta' trinkar mill-Enemalta. Hu qal li malli jitlesta x-xogħol irid isir pjan ta' traffiku għas-sigurta' u anka aċċessibilta' għal min għandu l-garaxxijiet hemmhekk.

**453.9** **Ftehim bejn il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi u l-Każin tal-Banda San Nikola rigward il-monument ta' Dott. Nikola Zammit u monument fl-entratura tas-Siġġiewi**

453.9.1 Is-Sindku irrefera għal proposta mill-Każin Banda San Nikola datata 23t'April 2021, li kienet ġiet diskussa f'Seduti 412 u 413. Fil-proposta ssemmew żewġ siti, ir-roundabout tat-Tabib Nikola Zammit u fid-daħla tas-Siġġiewi minn fejn tibda Triq is-Siġġiewi. Is-Sindku qal li rigward dak tad-daħla tas-Siġġiewi diġà kienet issemmiet il-kundizzjoni li dan isir meta jsir l-arranġament tat-traffiku ġdid. Is-Sindku talab diskussjoni. Il-Kunsillier Julian Borg qal li għandu jkun hemm żewġ dokumenti ta' ftehim separati għal kull sit, li jgħaddu għand l-avukat biex jara l-aspett legali. Is-Sindku qal li dan l-aħħar saret manutenzjoni tal-plakka tal-monument u li hija inizjattiva pożittiva li għaqda tieħu ħsieb sit. Il-Kunsill unanimament qabel mal-prinċipju tal-ftehim, iżda li jkun hemm ftehim separat għal kull sit.

**453.10** **Pagament tal-Contracts Manager**

453.10.1 Is-Sindku rrefera għal Minuti tas-Seduta 452, fejn qal li hu konxju li hemm problema ta' komunikazzjoni bejn l-amministrazzjoni u s-Sur Galea. Hu qal li l-atmostfera ta' tensjoni ma' tgħinx fl-eżekuzzjoni tax-xogħol u r-rwol ta' Contracts manager għandu jkun rwol funzjonabbli, b'komunikazzjoni kontinwa mal-amministrazzjoni. Is-Sindku qal li r-regoli u proċeduri m'humhiex opzjoni u bħala Kunsill obbligati nsegwuhom u għalhekk inħarġet sejħa għall-kwotazzjonijiet. Is-Sindku saqsa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar l-invoice riċevuta mis-Sur Galea.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrieferiet għal dak li diġà intqal u kien deċiż fis-Seduta 452.

453.10.2 Hija qalet li s-Sur Galea bagħat invoice għas-servizz ta' Contracts Manager għax-xahar ta' Marzu 2024, għall-ammont ta' €2950. Hija qalet li s-servizz kopert minn quote kien ikopri sal-aħħar ta' Frar. Hija qrat id-diversi emails riċevuti mis-Sur Galea fejn fis-27 ta' Marzu bgħat stima għas-servizz ta' €2500 eskluż il-Vat fix-xahar. Bħala risposta, hija bagħtitlu il-formola biex jibgħat l-istima u infurmatu li l-istima m'għandhiex teċċedi l-€5000 għal 3 xhur kif mitlub fl-istess formola. Huwa wieġeb billi rrefera għas-servizz tal-knis u tat-tindif rurali li jitħallsu iktar minn hekk u li x-xogħol tiegħu huwa 'underrated' u li 'you want to pay less' li kien qed jirreferi għaliha. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-proċeduri finazjarji mhux hi tagħmilhom, qegħdin hemm u kulħadd irid jimxi magħhom u li l-argument tiegħu ma jreġix u reġgħet irreferiet għal Proċeduri Finanzjarji, l-MFIN Cirkulari 03/2013 u ċ-ċirkustanzi elenkati fiha. Minkejja dan, is-Sur Galea xorta bagħat kont għas-servizz f'Marzu, għall-ammont li qal hu. Peress li dan il-kont ma jaqa taħt l-ebda ftehim, anka peress li l-istimi għadhom ħa jiġu deċiżi llum u allura ma jkoprux ix-xahar ta' Marzu, dan il-kont ta' servizz mhux mitlub, ma jistax jitħallas.

453.11 **Stimi għas-servizz ta' Contracts Manager**

453.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienu riċevuti żewġ stimi sad-data tal-għeluq: waħda tas-Sur Galea għall-ammont ta' €2950 (Vat inkluż) għal 3 xhur u oħra ta' offerent B. għal €3600 (Vat exempt) għal 3 xhur. Hija preżentat iż-żewġ stimi riċevuti.

453.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni dwar l-ammont kwotat mis-Sur Galea fuq il-formola jiġifieri €2950 għal 3 xhur u l-korrispondenza li semmiet qabel, fejn talab l-istess ammont kull xahar ma jaqblux.

453.11.3 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jimxi fuq l-irħas stima, dik tas-Sur Galea kif kwotat. Bi qbil unanimu, l-Kunsill għażel l-irħas stima, jiġifieri ta' €2950 vat inkluż għal tlett xhur mid-9 t'April 2024 sat-8 ta' Lulju 2024.

453.12 **MOU mas-Siġġiewi Heritage Foundation (VO/ 0394)**

453.12.1 Is-Sindku preżenta abbozz tal-ftehim mal-Fondazzjoni fejn saru l-emendi kif diskuss fis-Seduta preċedenti. Hu qal li saret laqgħa ma' rappreżentanti tal-Fondazzjoni fejn il-ftehim ġie diskuss fid-dettall. Ġie miftiehem ukoll li l-Fondazzjoni tibgħat lista tal-pjan ta' restawr għas-snin li ġejjin, kif ukoll iżżomm lill-Kunsill aġġornat waqt l-eżekuzzjoni ta' proġetti u tibgħat rapport tekniku inkluż dettalji tal-ispiża u kopja tar-riċevuti għal akkontabilita'. Is-Sindku qal li fis-snin li ġejjin, il-Kunsill ikun jista' jaħdem b'kordinazzjoni mal-Fondazzjoni fi skemi ta' finanzjament oħra li jistgħu joħorġu, u dan għal konservazzjoni tal-kultura u wirt tal-lokal. Is-Sindku ippropona l-approvazzjoni tal-ftehim ta' finanzjament ta' €10,000 fis-sena għal ħames snin. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda. Il-Kunsill unanimament approva.

453.12.2 Is-Sindku qal li fil-laqgħa ġiet diskussa wkoll l-attività' proposta li ssir f'Ġunju fil-Knisja l-Qadima, fejn tindaqq mużika antika lokali. Is-Sindku preżenta stima dettaljata ta' din l-attivita' li tammonta għal madwar €8000. Huwa qal li għal din l-attivita' diġà kisbu mal-€4800 fondi minn skemi, fejn baqa' bilanċ ta' madwar €3000. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista' jgħin finanzjarjament biex din l-attivita' tkun suċċess. Huwa qal li ħa jilħaq jitkellem magħhom għal aktar dettalji u data u titressaq f'Seduta 'l quddiem.

453.13 **Rapport Amministrattiv**

453.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2023 fejn fih dettalji tal-ħidma tal-Kunsill għas-sena li għaddiet u anka proġetti ta' kontinwita' għal din is-sena. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsill unanimament approva r-rapport kif preżentat.

**Każ 25/2021 Gasan Mamo vs Kunsill Lokali Siġġiewi – Deċiżjoni tal-Qorti**

**453.14** **Każ 25/2021 Gasan Mamo vs Kunsill Lokali Siġġiewi – Deċiżjoni tal-Qorti**

453.14.1 Is-Sindku rrefera għall-korrispondeza mingħand Gasam Mamo Insurance dwar is-sentenza finali ta' każ 25/2021 dwar ħsarat sofferti f'vettura kkawżati minn ħofra fi Triq il-Wied is-Siġġiewi fit-28 ta' Jannar 2021. Wara diversi xhieda, din il-kawża inqatgħet u ġie ddikjarat li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi huwa responsabbli għad-danni sofferti u kkundannat iħallas is-somma ta' €1668.24 u l-ispejjeż. Il-Kunsill unanimament approva li jsir il-ħlas ta' €2697.40 spejjeż inklużi għal din il-kawża u għalhekk issa dan il-każ huwa magħluq.

453.14.2 Is-Sindku semma wkoll il-Każ pendenti tal-individwu C.Kofoglu li sar aċċess fuq il-post mill-esperti tal-qorti u qed nistennew data biex issir xhieda minnu u mis-Segretarju Eżekuttiv fuq l-affidavit li diġà ġie preżentat. Is-Sindku qal li dan il-każ qed isegwih mill-qrib l-avukat tal-Kunsill.

**453.15** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

453.15.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

453.15.2 Il-Kunsillier Julian Borg iddikjara konflitt ta' interess f'dawn l-applikazzjonijiet: PA5486/23, RG1322/23, PA6970/23, PA1515/24, PA0634/23.

453.15.3 Il-Kunsillier Julian Borg ġibed l-attenzjoni fuq applikazzjoni PA1402/24 *Minor internal alterations, affixing of sign and change of use from a mini market to a pastizzeria outlet* fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi. Hu qal li minħabba ftuħ ta' take-away fi triq prinċipali, hemm possibilta' ta' problema ta' parkeġġ jew vetturi li jieqfu fin-nofs. Hu ssuġġerixxa li naraw il-pjanti proposti jekk hux ser ikun hemm xi varjazzjoni fil-bankina.

**453.16** **Rapport tal-Korrispondenza**

453.16.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

453.16.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġiet riċevuta talba għal tismija uffiċjali ta' triq fir-rurali. It-triq, kif immarkata fuq il-pjanta murija qegħda fl-inħawi Tal-Ħarruba u magħrufa bħala Triq tal-Ħarruba. Il-Kunsillier Julian Borg propona li jinżamm l-istess isem. Il-Kunsill unanimament qabel.

453.16.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li it-talba għal awtorizzazzjoni ta' direct order għas-servizz tal-knis għal perjodu definit mill-1 ta' Frar 2024 sat-30 t'April 2024, ġiet approvata. Hija qalet li għad ma kien hemm l-ebda risposta dwar is-servizz mid-Dipartiment tal-Cleansing u għalhekk ser jitkompla l-proċess ta' Procurement. Sadanittant, ser terġa ssir talba ġdida għal tlett xhur oħra mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Lulju 2024, għall-ammont ta' €5500 fix-xahar, total ta' €16500 vat eskluż.

453.16.4 Is-Segretaju Eżekuttiv infurmat li l-concession ta' direct order għas-servizz ta' tindif taż-żoni rurali għadha ma ġietx approvata u qed issegwiha. Sadanittant ġie ppublikat it-tender LCS01/2024 li jagħlaq fit-8 ta' Mejju 2024.

453.16.5 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza mill-Malta Marathon fejn talbu kollaborazjoni mal-Kunsill billi jiffinanzjaw 10 gwardjani lokali u €500. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.



DL

453.16.6 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat stima għal xogħol ta' membrane fuq is-saqaf tal-Kappella ta' Ħal Xluq. Is-Sindku qal li din it-talba kienet diġà tressqet quddiem il-Kunsill u kienet intalbet stima tal-ispejjeż li hija ta' €4289. Huwa qal li din il-kappella hija parti mill-patrimonju lokali u għandna nieħdu ħsiebha. Il-Kunsill unanimament qabel li tiġi aċċettata l-istima u li jsir dan ix-xogħol.

453.16.7 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza mingħand Velocity Racing fejn talbu biex jiġi identifikat sit fejn isiru it-tlielaq tal-vetturi. Is-Sindku qal li din m'għandiex tkun kompitu tal-Kunsill.

453.16.8 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza mill-Grupp tal-Armar li tinkludi stima għal tħaffir ta' toqob biex isiru arbli tal-festa. Fil-korrispondenza issemmew tlett siti, Misraħ il-Vittmi tal-Gwerra, ħdejn il-Monument ta' Karmenu Vassallo u ħdejn iċ-ċentru Santissima Trinita. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li jiġi preżentat disinn fuq pjanta ta' fejn ser isiru t-toqob u dettalji ta' x'tip ta' dekorazzjoni sa ssir.

453.16.9 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza mill-Uffiċċju Elettorali u infurmat lill-Kunsill li ser isir issortjar u tqassim tal-voti mill-binja taċ-ċentru ċiviku minflok mill-għassa tal-pulizija, mill-Ħadd 28 t'April sal-Ħadd 12 ta' Mejju, bejn it-8.00 ta' filgħodu u s-1.00 pm u mit-3.00pm sad-9.00pm. Hija qalet li ikkordinat mal-istaff għall-ftuħ u l-għeluq tal-binja kif intalab fil-korrispondenza.

453.16.10 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza mingħand l-Ombudsman bit-titlu Każ OMB-24-4519 li kienet diġà ġiet ċirkolata lill-Kunsilliera, dwar sebgħa parkeġġi abbużivi li inżebgħu riċentement, fejn saret referenza għal korrispondenza mibgħuta lill-Kunsill minn Transport Malta fit-8 ta' Marzu fejn ikkonfermaw li ma kienx hemm awtorizzazzjoni minn naħa tal-Awtorita'. L-Ombudsman qed jitlob il-kummenti tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-korrispondenza qegħda vaga u m'hemmx indikat il-post għal liema qed issir referenza u għal liema parking bays.

453.17 **Rapport tal-ilmenti**
Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

453.18 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

453.19 **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

453.19.1 Il-Kunsillier Julian Borg qal li d-dawl f'Misraħ il-Vittmi tal-Gwerra ilu żmien ma jixgħelx. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien sar iċċekkjar għat-tiswija u jidher li s-sistema ta' wires li għaddejja minn taħt l-art tgħerriet u jrid jinbidel kollox.

453.19.2 Il-Kunsillier Julian Borg qal li għandu xi talbiet biex jinbidlu mirja mkissrin.

453.19.3 Il-Kunsillier Borg irrefera għat-talba biex jiġu installati bollards fi Triq l-Imdina bħala miżura biex il-vetturi ma jdurx lejn il-lemin iżda jmur lejn ir-roundabout kif suppost. Hu rrefera għar-rapport li għamel il-perit tal-Kunsill li bollards fin-nofs joħolqu problema għall-aċċess tat-3 garaxxijiet li hemm fil-bidu tat-triq u qal li l-bollards iridu jiġu mal-bankina fuq il-lemin int u tiela lejn Triq it-Tabib Nikola Zammit. Is-Segretarju Eżekuttiv talbitu sketch ħalli tkun tista' tibgħat l-applikazzjoni lil TM.

453.19.4 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li Triq l-Andar qed tkun mingħajr dawl. Is-Segretarju Eżekuttiv talbitha tindika jekk hux bozoz partikolari maqtugħa jew it-triq kollha ħalli jsir ir-rapport meħtieġ.

**453.19.5** Il-Kunsillier Julian Borg qal li qed ikun hemm rapporti minn resident ta' Triq il-Parroċċa dwar vetturi goffi li jaqbdu l-bankina u jagħmlu ħsara apparti l-periklu. Huwa propona li jsiru u-bars fuq il-bankina fil-parti fejn l-iktar tidjieq it-triq. Is-Sindku qal li f'dik il-biċċa diġà tneħħew diversi parkeġġi.

**453.19.6** Il-Kunsillier Francine Farrugia semmiet li qed ikun hemm vetturi li joħorġu wrong side minn drive-ins fi Triq it-Tabib Nikola Zammit. Hija talbet ukoll rinfreskar tar-road makings fi Triq Ferdinand Hompesch u ż-żona speċjalment fil-kantunieri.

**453.19.7** Is-Sindku rrefera għall-istedina mis-Sindku ta' Bari għall-attivitajiet marbuta ma' ċelebrazzjonijiet ta' San Nikola fis-7 u 8 ta' Mejju. Hu qal li fl-aħħar korrispondenza ġie indikat preċiżament li l-invit huwa għas-Sindku u akkumpanjatur u qal li xtaqet tattendi il-Viċi Sindku. L-istedina tkopri spejjeż ta' akkomodazzjoni, ikel u loġistika. Il-biljetti tal-ajru jitħallsu minn fondi lokali.

**453.20** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fit-8.05 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 29 t' April 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 29 t'April 2024

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv